KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/2/3/4

10 LEĠIŻLATURA - LAQGĦA NO. 30

TAL-KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 30 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 16 ta' Lulju 2026, fil-17.30.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA
Bjorn Bonello – Aġent Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA 30

30.1	Qari ta' ittri ta' apoloġija;
30.2	Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti – Laqgħa numru 29;
30.3	Punti mill-minuti;
30.4	Komunikazzjoni mis-Sindku;
30.5	Diskussjoni dwar il-finanzjament ta' bżonnijiet bħal: knis u ħasil ta' toroq, u infrastruttura pedonali u crossings;
30.6	Diskussjoni dwar kif se jiġi konkluż il-każ ta' Fra Ben;
30.7	Talba għal fondi mir-Reġjun Tramuntana;
30.8	Aġġornament dwar il-ħruġ ta' sejħiet għal impjieg mal-Kunsill Lokali;
30.9	Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
30.10	Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi;
30.11	Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;
30.12	Aġġornament għal-laqgħa li jmiss.

Sindku/Mayor: Ċensu Galea; Viċi Sindku/Deputy Mayor: Christopher Vella Petroni
Kunsilliera/Councillors: Alexander Agius; Anne Marie Fenech; Sandra Gauci; Daryl Connor; Rachel Antoinette Williams; Alan Bugeja; Clevion Micallef; Joseph Matthew Attard; Alexandra Smart Costantino; Mary Borg; Raymond Tabone. Aġent Segretarju Eżekuttiv/Acting Executive Secretary: Bjorn Bonello

Membri Preżenti:

Ċensu Galea	*Sindku*	Christopher Vella Petroni	*Viċi Sindku*
Raymond Tabone	*Kunsillier*	Rachel Williams	*Kunsilliera*
Joseph M. Attard	*Kunsillier*	Alexandra Smart Costantino	*Kunsilliera*
Mary Borg	*Kunsilliera*	Alexander Agius	*Kunsillier*
Sandra Gauci	*Kunsilliera*	Daryl Connor	*Kunsillier*
Clevion Micallef	*Kunsillier*		

30.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa fis-17:30 u rringrazzja lill-membri preżenti kif ukoll lil dawk li kienu qed isegwu l-laqgħa online. Huwa informa li l-Kunsilliera Anne Marie Fenech u l-Kunsillier Alan Bugeja talbu li jiġu skużati mil-laqgħa.

Is-Sindku irrimarka li fil-fehma tiegħu li ma hijiex prassi xierqa li ssir żjara uffiċjali minn Ministru fil-lokalità mingħajr ma l-Kunsill Lokali jiġi infurmat minn qabel.

30.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 29

Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Numru 29 kif imħejjija mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proposta tal-Kunsilliera Alexandra Smart Costantino, issekondata mill-Viċi Sindku Christopher Vella Petroni, il-minuti ġew approvati unanimament kif ippreżentati.

30.3 Punti mill-minuti

Pjazza Buġibba – Il-Kunsill ġie informat li kienu għadhom għaddejjin xogħlijiet taħt il-pjazza, fosthom xogħlijiet relatati mas-servizzi tal-ilma u servizzi oħra. Ġie nnutat ukoll li kien għad hemm dawl temporanju li kellu jinbidel.

Saret laqgħa mal-kuntratturi u ma' uffiċjali tal-MTA u ta' Infrastructure Malta, li għaliha attenda wkoll is-Sindku, sabiex tiġi stabbilita proċedura aktar ċara għall-ħruġ tal-permessi meħtieġa għall-użu tal-pjazza għal attivitajiet, b'mod partikolari fejn ikun meħtieġ dħul ta' vetturi jew ikun hemm riskju ta' ħsara lill-infrastruttura.

Matul id-diskussjoni tqajmet il-possibbiltà li titfassal bye-law sabiex jiġi rregolat aħjar l-użu tal-pjazza. Is-Sindku osserva li l-proċess sabiex bye-law tidħol fis-seħħ jista' jieħu ż-żmien, u esprima diżappunt dwar l-istat ta' ndafa f'ċerti partijiet tal-pjazza minkejja li kienet ġiet inawgurata ftit ġimgħat qabel. Ġie nnutat li, għalkemm il-Cleansing and Maintenance Division kienet bdiet twettaq ċertu tindif, kien għad hemm bżonn ta' titjib.

30.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar – Is-Sindku enfasizza l-importanza li, meta jintbagħtu lill-membri l-listi tal-applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, kwalunkwe kumment jew osservazzjoni jintbagħat tempestivament lill-amministrazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista' jiġi kkunsidrat fiż-żmien stipulat.

PA/3678/26 – Il-Kunsill kien ressaq sottomissjoni formali, mibgħuta wkoll għall-attenzjoni tal-membri, li permezz tagħha oġġezzjona għall-proġett propost fil-Bidnija. Is-Sindku informa li kemm hu kif ukoll is-Sindku tal-Mosta kienu ġew avviċinati minn residenti tal-Bidnija dwar il-proġett. Il-Kunsilliera Rachel Williams irringrazzjat lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv għar-rapport dettaljat imħejji u sottomess f'isem il-Kunsill.

Lancaster House – PC/27/25 – Triq il-Ħallel kantuniera ma' Triq il-Glieba – Minkejja l-oġġezzjoni mressqa mill-Kunsill, il-proposta ġiet approvata. Ġie ċċarat li l-proċedura inkwistjoni kienet Planning Control application (PC) u mhux applikazzjoni ta' żvilupp tat-tip PA.

PA/2114/26 – Is-Sindku informa li dakinhar stess kienet saret is-seduta relatata mal-iżvilupp propost fuq is-sit ta' Burmarrad Commercials. Bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali, huwa vvota kontra l-proposta u rreġistra l-oġġezzjoni tal-Kunsill. L-applikazzjoni, madankollu, ġiet approvata b'għaxar voti favur u żewġ voti kontra.

Is-Sindku informa li l-komunikazzjonijiet sussegwenti kienu jinkludu wkoll punti mressqa mill-Viċi Sindku Christopher Vella Petroni.

Kameras relatati mal-iskart u s-sigurtà – Ġie rrappurtat li l-LESA kienet installat madwar 30 kamera f'diversi postijiet fil-lokalità. F'dak l-istadju, il-Kunsill ma kellux informazzjoni suffiċjentement ċara dwar l-iskop speċifiku ta' kull kamera. Ġie nnutat li kienu qed jitwaħħlu tabelli sofor ħdejn il-kameras li jindikaw li ż-żona hija mmonitorjata mill-LESA 24 siegħa kuljum.

L-informazzjoni disponibbli għall-Kunsill kienet tindika li dawn il-kameras ġew installati bħala parti minn inizjattiva nazzjonali relatata mas-sigurtà.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri li r-Reġjun Tramuntana kien investa f'sitt kameras mobbli li jaħdmu bl-enerġija solari u li jistgħu jitqiegħdu temporanjament f'postijiet differenti. Dawn kienu maħsuba sabiex jgħinu fi studji tat-traffiku kif ukoll fil-monitoraġġ ta' rimi illegali tal-iskart.

Huwa spjega li, għalkemm dawn il-kameras ma kinux qed jintużaw direttament għall-ħruġ ta' ċitazzjonijiet, kienu diġà ntużaw sabiex jiġu identifikati sitwazzjonijiet fejn ċerti

stabbilimenti żgħar ma kinux qed josservaw l-iskeda tal-ħruġ tal-iskart, u dawn kienu ġew imwissija u infurmati dwar l-obbligi tagħhom.

Problema tal-ħamiem fil-lokalità – Ġie nnutat li suġġerimenti preċedenti sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-ħamiem ma kinitx tat ir-riżultati mixtieqa, fost l-oħrajn minħabba l-perjodu limitat li matulu setgħet titwettaq.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz ta' bye-law, imħejji b'referenza għal dispożizzjonijiet f'bye-laws oħra, sabiex jiġi kkunsidrat mill-Kunsill u sussegwentement jgħaddi mill-proċeduri meħtieġa mal-awtoritajiet kompetenti. Fost il-miżuri proposti kien hemm dispożizzjonijiet relatati għal min jgħalef il-ħamiem u ma' proprjetajiet mitluqa li jitħallew miftuħa b'mod li jista' jikkontribwixxi għall-problema.

Il-Kunsilliera Daryl Connor u Alexandra Smart Costantino talbu li tintbagħtilhom kopja tal-abbozz tal-bye-law.

Il-luzzu (monument) – Is-Sindku informa li r-restawr tal-luzzu kien sar inqas minn sentejn u nofs qabel. Skont l-informazzjoni li kellu l-Kunsill, ma kienx meħtieġ permess tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jerġa' jitqiegħed f'post xieraq.

Wara diskussjoni, li matulha ssemmew diversi siti possibbli, is-Sindku talab lill-membri sabiex jibagħtu bil-posta elettronika l-proposti tagħhom dwar il-post li jqisu l-aktar adatt. Huwa informa wkoll li l-Kunsill kien qed jistenna l-figura tas-sajjied u l-element protettiv kontra x-xita għall-luzzu.

Parkeġġ tal-Iskola Primarja tal-Qawra – L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li kien inxtara laptop ikun jista' jinżamm rendikont elettroniku xieraq tan-numri tar-reġistrazzjoni tal-vetturi li jagħmlu użu mill-faċilità, minflok ir-reġistrazzjoni manwali fuq diversi pitazzi, kif kien jintuża qabel. Huwa informa wkoll li kienu qed jimxu l-proċeduri għall-installazzjoni tal-kameras u li kienu qed isiru verifiki fuq vetturi mingħajr liċenzja valida li setgħu tħallew fil-garaxx.

30.5 Diskussjoni dwar il-finanzjament ta' bżonnijiet bħall-knis u l-ħasil tat-toroq, u l-infrastruttura pedonali u crossings

Kuntratt tal-knis – Is-Sindku ta rendikont ġenerali tal-kuntratt tal-knis u spjega li l-frekwenza tas-servizz tvarja skont it-triq: ċerti toroq jitnaddfu kuljum, oħrajn erba' darbiet fil-ġimgħa, filwaqt li oħrajn jitnaddfu tliet darbiet fil-ġimgħa jew b'frekwenza anqas.

Fid-dawl tan-numru sostanzjali ta' ilmenti li kien qed jirċievi l-Kunsill, is-Sindku informa li talab lill-kuntrattur preżenti jagħti indikazzjoni tal-ispiża sabiex it-toroq kollha tal-lokalità

jiġu miknusa kuljum. Skond l-informazzjoni mogħtija lill-Kunsill, dan kien jinvolvi spiża ta' madwar €1,400 kuljum, minflok dik preżenti ta' madwar €800 kuljum ta l-kuntratt fis-seħħ.

Ħasil ta' bankini u toroq – Is-Sindku informa li, sa fejn kellu informazzjoni l-Kunsill, ma kienx hemm servizz ġenerali u regolari ta' ħasil tal-bankini u t-toroq fil-lokalità, għajr xogħol li kien qed isir f'partijiet tal-front mill-Cleansing and Maintenance Division. Huwa informa lill-membri li kienu qed jinġabru kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwa l-għoti ta' dan is-servizz.

Infrastruttura pedonali u crossings – Is-Sindku informa li tul iż-żona tal-front hemm madwar għoxrin crossing u li numru minnhom jeħtieġu attenzjoni u titjib. Huwa informa li kien previst li jibdew jitwaħħlu tabelli ta' twissija, madwar 50 jew 100 metru qabel ċerti zebra crossings, sabiex titjieb il-viżibbiltà u l-għarfien tas-sewwieqa.

Is-Sindku talab lill-membri sabiex jindikaw dawk il-passaġġi li, fil-fehma tagħhom, jeħtieġu attenzjoni prijoritarja. Il-Kunsilliera Mary Borg irreferiet għall-ħtieġa ta' zebra crossing fi Triq il-Ħalel, fil-kantuniera mal-front. Is-Sindku informa li kien hemm żewġ zebra crossings diġà approvati li kienu mistennija jitwettqu fi żmien qarib.

Matul id-diskussjoni tqajmu wkoll diversi punti dwar l-isfidi operattivi li jiltaqa' magħhom il-Kunsill, fosthom il-fondi disponibbli sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' lokalità b'domanda għolja għas-servizzi; il-prijoritizzazzjoni tax-xogħlijiet; il-vandaliżmu, partikolarment fil-latrini pubbliċi; nuqqasijiet fil-prestazzjoni ta' ċerti kuntratturi; il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku; każijiet fejn ħsara kkawżata minn terzi tkun teħtieġ intervent mill-Kunsill minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika; l-ispejjeż tal-infrastruttura tat-toroq; u ż-żamma tal-indafa fil-lokalità.

Il-Kunsillier Raymond Tabone ppropona li ssir laqgħa separata bejn il-membri sabiex dawn il-kwistjonijiet jiġu diskussi f'aktar dettall.

30.6 Diskussjoni dwar kif se jiġi konkluż il-każ ta' Fra Ben

Is-Sindku għamel referenza għall-każ ta' Fra Ben u informa lill-Kunsill li, skont l-eżitu tal-proċeduri, il-Kunsill flimkien ma' erba' partijiet privati kienu nżammu responsabbli. Is-somma mitluba kienet tħallset mill-Kunsill Lokali u kien għad irid jiġi rkuprat mingħand il-partijiet l-oħra s-sehem rispettiv tagħhom.

Is-Sindku ppropona li, sa fejn ikun legalment possibbli u suġġett għall-parir legali, il-Kunsill jaċċetta l-ħlas tas-sehem dovut miż-żewġ partijiet li indikaw li kienu lesti jħallsu, filwaqt li fir-rigward taż-żewġ partijiet l-oħra l-Kunsill jevalwa, fuq il-parir tal-avukat tiegħu, il-passi

ulterjuri meħtieġa għall-irkupru tal-ammonti dovuti. Il-proposta ġiet approvata unanimament.

30.7 Talba għal fondi mir-Reġjun Tramuntana

B'referenza għal diskussjonijiet preċedenti, is-Sindku ppropona li parti mill-fondi allokati lill-Kunsill Lokali mir-Reġjun Tramuntana tintuża għax-xiri ta' kameras, pjanti u materjal promozzjonali (merchandise). Il-proposta ġiet approvata unanimament.

30.8 Aġġornament dwar il-ħruġ ta' sejħiet għal impjieg mal-Kunsill Lokali

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li, fid-dawl ta' dubji li kienu tqajmu dwar il-konformità ta' ċerti kuntratti tal-impjegati, kif ukoll tal-ħtieġa li jiġu regolarizzati d-deskrizzjonijiet tal-impjiegi u l-iskali tas-salarji, kien qed jiġi propost il-ħruġ ta' sejħiet għal sitt postijiet fi Skala 17.

Huwa spjega li dan kien ser jagħti l-opportunità lill-erba' impjegati preżenti fi Skala 18 sabiex japplikaw, jekk ikunu interessati u eliġibbli, filwaqt li jkunu jistgħu jimtlew ukoll żewġ postijiet oħra permezz tal-proċess ta' reklutaġġ.

Ġie propost ukoll il-ħolqien ta' post wieħed ta' Assistant Foreman fi Skala 12, funzjoni li, skont l-informazzjoni mogħtija lill-Kunsill, ma kinitx ġiet formalizzata qabel u li tkun ta' utilità operattiva għall-Kunsill, partikolarment f'ċirkostanzi fejn ma jkunx hemm Contracts Manager.

Ġie informat ukoll li kienu ser jinħarġu erba' postijiet ta' Skrivan/a fi Skala 16. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjega li l-istruttura proposta kienet ser toffri opportunitajiet aħjar ta' progress fil-karriera meta mqabbla mal-arranġamenti eżistenti fi Skala 18.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri li l-Kunsill ma kellux Deputat Segretarju Eżekuttiv, funzjoni prevista fl-Att dwar Gvern Lokali. Huwa spjega li l-impjegati li kellhom l-iskala meħtieġa sabiex jaqdu din il-funzjoni ma kinux interessati li jieħduha, filwaqt li impjegati oħra li setgħu jkunu interessati ma kellhomx il-grad meħtieġ.

Għaldaqstant, ġiet ippreżentata proposta sabiex jinħareġ post intern fi Skala 10 li jinkludi wkoll il-funzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Wara diskussjoni, il-membri qablu unanimament li jipproċedu bil-ħruġ tas-sejħiet kif ippreżentati u diskussi, suġġett għall-proċeduri u l-approvazzjonijiet applikabbli.

30.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Soċjetà Mużikali San Pawl il-Baħar – Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard għamel referenza għall-punt 29.9 tal-Laqgħa Numru 29 u staqsa għaliex il-Kunsill ma kienx bagħat tweġiba fi żmien li jippermetti lis-Soċjetà Mużikali San Pawl il-Baħar tagħmel l-ippjanar finanzjarju tagħha fir-rigward tal-għajnuna li kienet qed tintalab.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta rendikont tal-korrispondenza u tal-iżviluppi relatati mal-każ. Huwa spjega li l-Kunsill kien talab informazzjoni addizzjonali, li l-materja kienet ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti u li kien hemm qbil dwar l-għoti ta' għajnuna. Sussegwentement, kienet intalbet kjarifika dwar frażi partikolari, u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien wieġeb permezz ta' kjarifika dettaljata dwar il-punt imqajjem. Fid-dawl tat-talba għal kjarifika li saret immedjatament wara l-laqgħa, kif ukoll tal-iskambju ta' emails li segwa, wieħed ma kellux tort li jaħseb li s-Soċjetà kienet taf sew li l-Kunsill kien qabel li jappoġġja l-inizjattiva inkwistjoni (majjalata). Huwa informa wkoll lill-Kunsill li sussegwentement kienet waslet komunikazzjoni mingħand is-Soċjetà li permezz tagħha rtirat it-talba tagħha għall-appoġġ tal-Kunsill Lokali. Żied jgħid li rappreżentanti tas-Soċjetà kienu ġew mistiedna għal diversi laqgħat, iżda dawn l-istediniet ma kinux ġew aċċettati.

Wara diskussjoni, il-Kunsillier Joseph Matthew Attard esprima x-xewqa li tinżamm u tissaħħaħ relazzjoni tajba bejn il-Kunsill u s-Soċjetà Mużikali San Pawl il-Baħar. Huwa qal li kien lest jagħmel l-isforzi meħtieġa sabiex jikkontribwixxi għal titjib fir-relazzjoni, fid-dawl tal-ħidma li s-Soċjetà twettaq fil-komunità u tal-benefiċċju potenzjali ta' kollaborazzjoni mal-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill jilqa' relazzjoni pożittiva u kostruttiva mas-Soċjetà u għamel referenza għal tentattivi preċedenti minn membri tal-Kunsill sabiex isir kuntatt magħha. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll li l-għaqdiet lokali kienu ġew mistiedna sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet marbuta mal-ġemellaġġ ma' Oroslavje, iżda li dik l-istedina ma kinitx ittieħdet.

Latrini pubbliċi – Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard staqsa wkoll dwar il-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li f'dak l-istadju ma kinux inħarġu avviżi formali ta' inadempjenza (default notices), peress li kien qed jitwettaq programm aktar estensiv ta' monitoraġġ u manutenzjoni sabiex jiġu identifikati u indirizzati n-nuqqasijiet.

Huwa spjega li qabel dawn il-faċilitajiet kienu qed jiġu mmonitorjati mill-Contracts Manager, iżda ir-rapporti li kienu qed jiġu pprovduti ma kinux meqjusa suffiċjenti.

Għaldaqstant, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien beda jsegwi l-qasam direttament permezz ta' rapporti aktar regolari.

Huwa ċċara li dan ma kienx ifisser li l-livell attwali ta' manutenzjoni kien sodisfaċenti jew li n-nuqqasijiet kienu attribwibbli lil kuntrattur wieħed partikolari. Ġie enfasizzat li kien għad hemm lok għal titjib tanġibbli, partikolarment fir-rigward tas-sigurtà u ta' miżuri sabiex jitnaqqsu l-vandaliżmu u l-ħsarat intenzjonali.

Ġnien Cassarino – Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard staqsa meta kien mistenni jsir il-ftuħ uffiċjali ta' Ġnien Cassarino. Is-Sindku wieġeb li, malli jkun hemm data jew indikazzjoni definita, il-membri jiġu infurmati.

30.10 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet ser tiġi organizzata attività tal-ilma għat-tfal fit-8 ta' Awwissu u ppropona li jiġi allokat baġit massimu ta' €500 għal din l-attività, bir-rakkomandazzjoni li n-nefqa ssir b'mod prudenti u responsabbli. Il-proposta tressqet għall-vot u ġiet approvata unanimament.

Ġie informat ukoll li d-Dipartiment responsabbli mill-Anzjani kien talab lill-Kunsill jinnomina persuna għall-unur ta' "Anzjan tas-Sena" sal-aħħar tax-xahar. Il-membri ġew mistiedna jibagħtu n-nomini tagħhom.

30.11 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

Is-Sindku ressaq l-Iskeda tal-Pagamenti għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Fuq proposta tal-Kunsilliera Rachel Williams, issekondata mill-Kunsillier Alexander Agius, l-Iskeda tal-Pagamenti ġiet approvata unanimament.

30.12 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-20:45. Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 13 ta' Awwissu 2026, fil-17:30, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Is-Sindku fakkar lill-membri li din kienet mistennija tkun l-aħħar laqgħa tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv fil-kariga.

Aġent Segretarju Eżekuttiv
Bjorn Bonello

Sindku
Ċensu Galea